dju l-ewwel ma nkiteb qabel il-gwerra taħt l-isem *Mito, Lingua e Razza a Malta*, meta fl-Italja kien hemm ħsieb li toħroġ Rivista storika-lettera-:ja fuq Malta—ħsieb li mbagħad safa' fix-xejn. Biż-żidiet li kellu jagħ-mel issa l-istudju twessa' tant li ħtieġlu jagħtih isem ieħor li jħaddan għalqa ikbar.

It-taqsima fuq il-mitoloġija ma tistax tkun aħjar, u dik fuq l-ilbies ukoll. Dwar il-biedja laqatna kif Cremona għaraf idomm flimkien ħafna trufijiet biex minnhom ħareġ tixbih ħaj mal-folklore Sqalli, u l-istess in-għidu għal dak li hu xebh tad-drawwiet tal-mewt u taż-żwieġ u tal-festi. It-tixbih tal-ħrejjef interessanti wkoll, imma nixtiequ li dan is-suġġett Cremona jittrattah għalih u iktar fit-tul fuq għalqa usa' ta' tixbih. Dan huwa xogħol li hawn bżonnu ħafna, u ftit huma dawk li għandhom il-preparazzjoni u l-materjal meħtieġa bħas-Sur Nin.

Fil-fehma tagħna, Cremona għandu mertu kbir bħala studjuż tal-folklore Malti. Huwa fisser u qabbel il-materjal miġbur minn Patri Ma-gri u oħrajn fuq kriterji sodi u xjentifiċi. Xogħol komparat ftit għadu sa-hawn Malta. Cremona l-iktar li jitqarreb fit-tixbih ma' Sqallija u l-Ita-lja, Patri Magri kien aktar inxteħet lejn il-Lvant, sħiħ fit-teorija tal-Feniċi li l-lum tilfet ħafna mis-saħħa tagħha. Xebh ieħor li għadu jisten-na 'l-istudjużi huwa mal-Kalabrja u ma' Spanja, ma l-Affrika ta' Fuq mill-Eġittu sal-Marokk (li tiegħu tana xi ħjiel Stumme) u mas-Sirja u l-Lebanon. Is-Sur Cremona għamel il-parti tiegħu. Għal ħaddieħor issa t-triq ta' dat-tiftix ġdid—il-bini fuq il-pedamenti mqiegħda minn Magri u Cremona u Stumme.

G. C. P.

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

Nifirħu bil-qalb kollha lill-Avukat ANTON BUTTIGIEG, B.A., LL.D., (Membru Akkademiku tal-Għaqda) li dan l-aħħar ġie maħtur bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa.

L-Avukat Buttigieg, barra milli hu Membru Akkademiku mill-qodma tal-Għaqda, u mill-aktar ħabrieki, huwa wkoll magħ-ruf bħala wieħed mill-aqwa poeti Maltin għall-ħlewwa ta' versi tiegħu fuq in-Natura. Il-Għaqda qiegħda f'waħda mill-egħżeż ir-kejjen ta' qalbu. Benefattur u Difensur qawwi tagħha u tal-Lsien Malti, minnu nistennew il-ġid fil-karika parlamentari tiegħu għas-seħħ tal-Għaqda u ta' Lsienna.

Nifirħu wkoll bil-qalb kollha lill-Avukat WALLACE GULIA, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A., Membru Akkademiku tal-Għaqda, li ġie maħtur bħala Avukat tal-Kuruna.

Dr. Wallace Gulia, magħruf biżżejjed għall-meriti tiegħu letterarji, għalkemm għadu kif jibda l-karriera professjonali tie-għu, għamel isem fil-kamp tax-xjenza leġislativa u amministra-tiva li fihom dan l-aħħar speċjalizza ruħu wara kors ta' studju speċjali fl-Ingilterra.

## WERREJ TAS-SENA 1955


faċċ.

**Abela, G.**
Malapropismi fil-Malti ... 53

**Agius, Anton**
Gannina ... 83

**Agius, E., M.D., D.P.H., D.Bact.**
*Ħsibijiet* ... 56

**Biancardi, Nikol**
*Addio, Manwel* ... 55

**Borg Pantalleresco, G., P.L.**
*Il-Milied it-Tajjeb!* ... 103

**Calamus**
Il-Letteratura Infantili Maltija ... 77

**Camilleri, Dun Frans**
*O Dulcis Virgo Maria* ... 81

**Cassar, C., M.D.**
*L-Arloġġ* ... 52

**Cassar, Manwel**
*Lid-Dmugħ* ... 66

**Cassar Pullicino, G.**
Il-Konti Ciantar u l-Folklore Malti ... 104

**Cassola, Alb. M.**
Malapropismi ... 92

**Chetcuti, Ġużè**
A. Cremona bħala Drammaturgu ... 67
Giovanni Curmi, Poeta ... 112

**Cremona, A.**
Noti fuq il-Fonetika u Morfoloġija Maltija ... 7
Fonetika ... 93, 119

**Editur**
Il-Letteratura Maltija fir-Radio ... 3
Proża u Poeżija fil-Letteratura Maltija ... 33
Integration ... 65
Ir-Rati ta' Ħlas għat-Trasmissjonijiet ... 90
Il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Ġdida ... 97

**Galea, Prof. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H.**
Il-Kewkba tal-Milied ... 101

**Gatt, Ġużè**
In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi ... 44

**Guillaumier, A.**
Ferħa bla Temma ... 14